

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2009

li jikkonċerna dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra

(2009/989/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 1

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza tal-Artikolu 47(2) u l-Artikoli 55, 57(2), 63(3), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mal-aħħar sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fisem il-Komunità fil-Lussemburgu fil-11 ta' Ottubru 2004.
- (2) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż,

1. Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, flimkien mal-Annessi u l-Protokoll mehmużin ma' dan, u d-Dikjarazzjonijiet magħmulin mill-Komunità unilateralmment jew konġuntament mal-Parti l-oħra li huma annessi mal-Att Finali, huma b'dan approvati fisem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

2. It-test tal-Ftehim, l-Annessi, il-Protokoll u l-Att Finali huwa mehmuż għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Kooperazzjoni u l-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbiliti mill-Ftehim għandha tkun adottata mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jew mill-Kummissjoni, skont id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

2. Il-President tal-Kunsill għandu jippresjedi fuq il-Kunsill ta' Kooperazzjoni u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi fuq il-Kumitat ta' Kooperazzjoni u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità.

3. Il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni fil-kumitati speċjali stabbiliti mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni skont l-Artikolu 80 tal-Ftehim.

dik in-notifika fisem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

Artikolu 3

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2009.

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fit-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 100 tal-Ftehim fisem il-Komunità Ewropea. Il-President tal-Kummissjoni għandu jagħti

Għall-Kunsill
Il-President
C. BILDT

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO
